Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2011 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Skużat | Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Proġetti
- Other matters
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Is-Sur. Saliba saqsa lis-Segretarju jekk kienx kellem lil-kuntrattur li għamel ix-xogħol tal-water culverts peress li kien hemm ħsara fuq parti mix-xogħol li sar. Huwa ssuġġerrixxa wkoll biex sakemm jissewwa x-xogħol il-kuntrattur ma jitħallasx. IS-Segretarju qal li se jmur jara x-xogħol huwa stess u jkellmu biex jagħmel it-tiswijiet neċessarji.

2.1 Is-Sur. Calleja saqsa fuq is-sleeping policeman li kien hemm darba fi Triq Wied in-Noqor, jekk dawn jistgħux jerġgħu ssiru. Is-Segretarju semma li biex dawn jerġgħu ssiru aħjar jekk ikun hemm applikazzjoni mill-ġdid, peress li din setgħet tneħħiet minħabba xi raġunijiet.

## 3 XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Saliba qal biex issir tabella biex ma jintremix żibel fejn hemm it-taraġ quddiem Blokk A. Is-Sur. Borg se jindika l-lokazzjoni lis-Segretarju biex imbagħad titwaħħal.

3.2 Is-Segretarju semma li saret sleeping policeman fejn hemm tal-Melita biex il-vetturi li jkunu għaddejin min hemm inaqqsu l-veloċita. Ic-chairperson qal biex issir tinżebagħ slow sign quddiemha.

3.3 Kien hemm mistoqsija fuq id-dawl fi Triq Ħal Farruġ fejn kien wasal dan il-proġett. Is-Segretarju semma li huwa kien reġa bagħat il-korispondenza lil Transport Malta.

3.4 Is-Sur. Borg saqsa meta se jibda l-proġett ta Triq il-Vitorja. Is-Segretarju wieġeb li se jiċċekja mal-kuntrattur x hemm bżonn issir biex jinbeda x-xogħol.

3.5 Is-Sur. Borg semma wkoll li l-perita għandha tiġi infurmata fuq il-parti tat-tarf ta Triq il-Vitorja fejn hemm id-dawra u li bħalissa din qed toħloq daqsxejn inkonvenjent. Kien hem mil-proposta biex meta jsir ix-xogħol fuq it-triq din titneħħa sabiex tinfetaħ it-triq dritta. Is-Segretarju semma li l-aħjar li l-ewwel ikun hemm riċerka sabiex jinstab min huwa l-propjetarju ta din it-triq.

## 4 KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sur. Borg tkellem fuq ir-rotta tal-linja li kellha tibda tgħaddi min naħa ta Ħal Farruġ. Huwa ssuġerixxa biex inkellmu li Transport Malta sabiex infakkruhom anki peress li se jibda jkun hemm servizz ġdid.

4.2 Is-Segretarju saqsa lill-membri tal-Kumitat jekk hux qed issir xogħol fejn hemm l-Express trailers li qed joħloq trabijiet fiż-żona. Huwa semma li kellu lmenti mingħand residenti li joqogħodu fiż-żona minħabba trabijiet li kien qed ikun hemm fl-arja li huma allegaw li kienu ġejjin mingħand l-Express Trailers. Il-membri wieġbu li l-Express Trailers ma jagħmilx xogħol li joħloq it-trab fl-ambjent.

4.3 Is-Sur. Gatt semma li hemm bżonn li jitnaddfu l-water culverts dik il-parti fejn hemm l-Ajruport l-Antik peress li l-ħmieġ li qed ikun hemm fil-parti tal-water culverts fejn hemm Triq Wied in-Noqor qed jinżel min din il-parti. Is-Segretarju wieġeb li huwa sejjer jara din il-parti tal-culverts u jikteb l-Awtoritajiet konċernati biex jnaddfu din il-parti.

## 5 PROĠETTI

5.1 Is-Segretarju semma li kien hemm misunderstanding fil-laqgħa preċedenti rigward il-proġett tal-binjiet tal-Gvern li kien mniedi min naħa tal-Housing Authority peress li l-proġett li kien imressaq lil-Awtorita ikkwalifika biex ikun jista' jieħu l-fondi.

5.2 Rigward il-proġett tat-tisbiħ għaż-żona pubblika ta' Ħal Farruġ, is-Segretarju semma li se jitkellmu mar-rappreżentanti tal-GAL Xlokk peress li hemm l-appliakazzjoni li ħarġet u se jkunu qed jaraw x' l-aħjar issir.

## 6 OTHER MATTERS

6.1 Is-Sur. Calleja ressaq petizzjoni iffirmata minn nies li joqogħodu fi Block C u D fejn huma qed japprovaw li tinġieb skip biex ikunu jistgħu jarmu fiha. Din il-petizzjoni huwa ta lis-Segretarju biex jieħu passi fuqha. Mal-petizzjoni kien hemm ukoll ritratt fejn kien qed jiġi propost fejn għandha titqiegħed l-iskip.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2011 fis-6.10 p.m. Ma kienx hemm data proposta dwar meta għandha ssir il-laqgħa segwenti.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |